# Impjiegi ta' Kwalità Ogħla fl-Industrija tat-Turiżmu u l-Ospitalità

Mistoqsijiet u Tweġibiet

1. **X'inhu l-iskop ta’ din il-proċedura biex l-impjiegi fl-industrija tat-Turiżmu u l-Ospitalità ikunu ta’ kwalità ogħla f'Malta?**

L-iskop huwa li jiġi żgurat li individwi li qed ifittxu impjieg fl-industrija tal-ospitalità u t-turiżmu jkollhom il-ħiliet, l-għarfien u l-attitudnijiet bażiċi meħtieġa biex jipprovdu servizz ta’ kwalità għola.

2. **Min hu responsabbli biex jimplimenta dan il-programm f’Malta?**

Il-proċess jinvolvi tliet entitajiet. L-Istitut għall-Istudji Turistiċi (ITS), permezz tat-Training School tagħha li ser tipprovdi u tamministra t-taħriġ u t-testijiet, l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu li ser tkun qed toħroġ l-iSkills Cards, u Identita’ li toħroġ il-VISA Single Work Permits.

3. **Hemm xi ħlasijiet biex taċċessa dawn il-korsijiet u t-testijiet?**

Il-korsijiet u t-testijiet obbligatorji huma bi ħlas li jinħtieġ jitħallas qabel jingħata l-aċċess.

Il-miżati għall-korsijiet u ta’ taħriġ u l-valutazzjonijiett-testijiet obbligatorji huma ta’ €450 għal dawk onlajn u ta’ €125 għall-eżamijiet li jsiru direttament tal-persuna f’Malta.

Dawn il-miżati ma japplikawx għall-applikanti li ġejjini mill-UE u Malta.

4. **L-Applikant se jirċievi ċertifikazzjoni?**

L-ITS se toħroġ ċertifikati uffiċjali lill-applikanti li jiksbu PASS fit-testijiet obbligatorji kollha. Iċ-ċertifikati għandhom jittellgħu mill-applikant flimkien mal-bqija tad-dokumentazzjoni kif mitlub minn Identita’.

5. **Hemm possibbiltà li jerġa' jsir test li l-applikant ikun weħed fih?**

F'każ fejn applikant ma jgħaddix minn test onlajn jew aktar minn wieħed ser jingħata ċans li jerġa’ jsir it-test onlajn.

Se tingħata opportunità waħda biss biex jerġa’ jsir it-test jew testijiet mal-persuna f’Malta. Hemm ħlas addizzjonali għal testijiet li jerġgħu isiru.

**6. X'inhuma ż-żewġ stadji fil-proċedura tat-taħriġ u t-testijiet?**

Il-programm jikkonsisti f'żewġ stadji: Stadju 1 u Stadju 2.

Stadju 1 jinkludi taħriġ u testijiet onlajn. L-applikanti huma mitluba jlestu l-korsijiet u t-testijiet onlajn obbligatorji fil-Kura Bażika tal-Klijent, fil-Prodott Turiżmu Malti, fl-Ingliż Bażiku tal-Ospitalità, test fil-Profiċjenza tal-Ingliż, u test relatat max-xogħol li l-applikant ikun applika għalih u li jagħmlu parti mill-Front Office, Housekeeping, Restaurant, Bar, u Kċina (u oħrajn li eventwalment iridu jiġu miżjuda gradwalment).

L-Istadju 2 jinkludi intervista bl-Ingliż u test fil-ħiliet prattiċi li jsiru direttament mal-persuna. Dan it-test huwa marbut max-xogħol li l-applikant ikun applika għalih b'rabta mal-Front Office, Housekeeping, Restaurant, Bar, Kitchen.

**7. X'inhi l-proċedura li l-applikanti għandhom isegwu?**

L-applikanti li jtemmu b'suċċess it-taħriġ u t-testijiet onlajn fl-ewwel stadju għandhom jinnotifikaw lill-ITS Training School mill-inqas tliet ġimgħat qabel il-wasla tagħhom f'Malta u jingħataw appuntament għat-testijiet fl-ewwel tlett ijiem ta' xogħol (working days) mill-wasla tagħhom.

**8. X'jiġri jekk l-applikant jonqos milli jattendi t-test li jsirlu personalment f'Malta?**

Jekk l-applikant jonqos milli jattendi t-test personali f'Malta kif skedat jiġi mmarkat bħala applikant li naqas milli jattendi, u Identita' tiġi infurmata.

**9. Jekk l-applikant diġà ingaġġat ma' kuntrattur li joffri servizzi ta' ospitalità f'Malta, dan se jkun applika għalih?**

Iva, dan il-programm japplika għal min hu diġà impjegati f'Malta u li qed ifittex li jġedded il-permess tax-xogħol tiegħu. Minn Ottubru 2024 ser ikollu bżonn japplika u jlesti kemm il-korsijiet u kif ukoll it-testijiet online, kif ukoll it-testijiet li jsiru direttament mal-persuna waqt li tkun qed taħdem f'Malta. Dan il-proċess għandu jinbeda mill-inqas tliet xhur qabel l-iskadenza tal-permess tax-xogħol tiegħek.

*TCNs li ġejjin minn pajjiżi mhux elenkati fl-Anness II tar-Regolament 2018/1806*: Dawn it-TCNs ma jkunux jistgħu japplikaw għall-proċess sakemm ma jkunux ingaġġati direttament minn stabbiliment tal-ospitalità liċenzjat mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu.

**10. Għal min japplika dan il-proċess, u kif ser jiġi implimentat f'fażijiet?**

Il-programm japplika inizjalment għal Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi (TCNs) ġodda li qed ifittxu impjieg fl-industrija tal-ospitalità u t-turiżmu. Se jkopri gradwalment l-impjegati kollha fl-industrija.

11. **Dan il-programm meta se jiġi implimentat bis-sħiħ għall-kategoriji kollha tal-impjegati?**

Il-programm se jitħaddem għall-impjegati l-ġodda kollha, inklużi ċ-ċittadini Maltin u tal-UE sa Jannar 2025. Ċittadini tal-UE u Impjegati Maltin diġà impjegati fl-industrija jkunu eliġibbli għal Skill Card prinċipalment permezz ta' kwalifiki formali u/jew bil-Validazzjoni ta' Tagħlim Mhux Formali u Informali (esperjenza tax-xogħol validata).

12. **Hemm perjodu ta' konsultazzjoni dwar dan il-proċess ġdid, u kif jistgħu jipparteċipaw il-partijiet interessati?**

Iva. Hemm perjodu ta' konsultazzjoni pubblika dwar il-proċess li għandu jwassal għa impjiegi ta' kwalità aħjar fl-Industrija tal-Ospitalità u t-Turiżmu f'Malta. Il-konsultazzjoni se ssir mis-26 ta' Ottubru 2023 sas-16 ta' Novembru 2023. Il-partijiet interessati fi ħdan l-industrija huma mħeġġa jipparteċipaw f'din il-konsultazzjoni u jipprovdu l-fehmiet u s-suġġerimenti tagħhom fuq consultation.tourism@gov.mt.

13. **L-iSkills Card ser tinħareġ awtomatikament wara li jitlesta b'suċċess il-proċess ta' testijiet obbligatorji?**

L-iskills card tinħareġ malli jitlestew it-testijiet obbligatorjikollha u din tinħareġ mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu.

14. **F'każ li applikant fi rwoli preċedenti tiegħu ikun għamel diversi taħriġ u jkun kiseb ċertifikazzjoni, dan se jkun rikonoxxut?**

Taħriġ u ċertifikazzjoni preċedenti li l-applikant ikun kiseb jistgħu jkunu t'għajnuna u jikkontribwixxu lejn is-suċċess fit-testijiet obbligatorji. Filwaqt li dan il-programm jiffoka fuq testijiet speċifiċi, it-taħriġ u ċ-ċertifikazzjonijiet preċedenti tiegħek xorta jistgħu jtejbu l-kwalifiki tiegħek u jistgħu jiġu rikonoxxuti minn min iħaddem fl-industrija tal-ospitalità u t-turiżmu.

Għall-fini ta' din l-iskema, it-taħriġ u t-testijiet uffiċċjali tal-ITS biss se jkunu rikonoxxuti.

15. **F'każ li x-xogħol li japplika għalih l-applikant ma jkunx għadu jidher fil-lista tal-Istandards Nazzjonali tax-Xogħol, għandu jgħaddi minn dan il-proċess?**

Iva. L-applikant xorta jkollu bżonn jgħaddi mill-istess proċess anki jekk ix-xogħol speċifiku li applika għalih ma tkunx elenkata fil-lista tal-Istandards Nazzjonali tax-Xogħol. F'dan il-każ l-unika eċċezzjoni se tkun li t-test speċifiku għas-settur, dipendenti fuq il-familja tax-xogħol, ma jsirx. Ladarba l-Kunsill Nazzjonali tal-Ħiliet ikun żviluppa l-Istandards Nazzjonali tax-Xogħol relatati, minn dak il-jum 'il quddiem l-applikanti se jiġu ttestjati f'dan ukoll qabel it-tiġdid tal-permess uniku tax-xogħol tagħhom.

16. **F'każ li jkun hemm min ser jibdel l-impjieg u jibda jaħdem ma' kumpanija oħra, il-persuna għandha bżonn tgħaddi minn dan il-proċess?**

Jekk il-persuna qed tibdel l-impjieg u ser tibda taħdem ma' kumpanija ġdida fl-industrija tal-ospitalità u t-turiżmu, ser ikollha bżonn tlesti t-taħriġ u testijiet, li jibdew minn Ottubru 2024.

17. **X'jiġri f'każ li s-sistema taqbad li ċ-ċertifikati tar-riżultati tat-testijiet ma jkunux leġittimi?**

Applilanti li jinqabdu b'ċertifikati tar-riżultati tat-testijiet li jkunu tbabsu, jiġu pprojbiti milli jipproċedu bil-proċess. F'każ bħal dan l-applikant jiġi miċħud milli jerġa' japplika fl-immedjat u fil-futur.

18. **Jekk ikun hemm student li jixtieq jaħdem fl-industrija tat-turiżmu u l-ospitalità fis-sajf, dan il-programm japplika għalih?**

Studenti mill-UE jew minn Malta, li jixtiequ jagħmlu xogħol fis-sajf fl-industrija, se jibbenefikaw minn card temporanja li tkun għal terminu definittiv maħruġa mill-MTA. Dawn il-karti se jinħarġu għal perjodi ta' tliet xhur. Għal aktar minn tliet xhur, l-applikanti jeħtieġu li jagħmlu l-korsijiet.

19. **L-UE u ċ-Ċittadin Malti se jkollhom iħallsu għall-korsijiet u t-testijiet?**

Le. Il-korsijiet u t-testijiet se jkunu b'xejn għaċ-ċittadini Maltin u tal-UE.